# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 122

KAZ NRU 317

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Pasqualino Deguara
u
l-Management tal-Marsa Flour Mills

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Novembru, 1984.

Chairman: Mr A H Camilleri ACMA, CPAA.

1. INTRODUZZJONI

1.1 Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fid-19 ta' Jannar, 1984 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

1.2 It-Tribunal Industrijali zamm hames (5) seduti qabel ma wasal biex jghati dan l-Award.

1.3 Is-Sur Francis Coleiro, Section Secretary tal-G.W.U. pprezenta l-kaz ghan-nom tas-Sur Pasqualino Deguara filwaqt li s-Sur Noel Scerri mghejjun mis-Sur A Attard dehru ghall-kumpanija Marsa Flour Mills Ltd.

2. STATEMENTS OF CASE

2.1 Is-Sur Francis Coleiro ssottometta illi t-tkeccija mill-impieg ta' Pasqualino Deguara fit-12 ta' Settembru, 1983 mill-Management tal-Marsa Flour Mills Ltd ma kienetx ghal kawza gusta u sufficjenti u ghalhekk ghandu jitqies li baqa' fl-impieg minghajr telf ta' paga u dak kollu li hu dovut lilu.

2.2 Deguara gie t-terminat mill-impieg fit-12 ta' Settembru, 1983 b'ittra mill-Management.

2.3 Fl-ittra il-Management qal li fis-7 ta' Settembru, 1983 it-tabib tal-Kumpanija mar fid-dar ta' Deguara biex jiccertifika l-assenza tieghu mix-xoghol minhabba mard u hadd ma r-risponda meta t-tabib habbat il-bieb.

2.4 It-tàbib, skond il-Management, mar fis-7.30 p.m. u f'dak il-hin Deguara kien id-dar, qed jinhasel biex imur jara t-tabib tieghu u meta mar biex jiftah il-bieb ma sab lil hadd wara l-bieb. Jekk it-tabib ma qaghadx jistenna u meta Deguara ma sab lil hadd meta mar jiftah ma jfissirx li Deguara ma kienx id-dar. Prova ta' dan li mar ghand it-tabib tieghu hu c-certifikat li ghandu Deguara mit-tabib tieghu.

2.5 Il-fatt li kien sejjer jara t-tabib tieghu kien minhabba li sas-7.00 p.m. it-tabib tal-Kumpanija ma marx jara lil Deguara. Hawn wiehed jinnota li kien hemm nuqqas mill-kumpanija ghax anke jekk haddiem ikun ma jiflahx fil-ghodu jista' jkun ghaddielu fil-ghaxija.

2.6 Il-kaz li l-Management qal fl-ittra tieghu, li ma kienetx l-ewwel darba li t-tabib ma sabux id-dar, kienet darba ohra biss, meta Deguara wara li wegga fuq ix-xoghol kellu jmur ghand it-tabib tieghu, peress li l-Management ma kienx ha l-passi biex lil Deguara jibghatu quddiem il-Bord tan-National Insurance. Dwar dan il-kaz il-Management ra li Deguara ma kellux tort, difatti ma ha l-ebda passi dixxiplinarji kontra Deguara u r-raguni li gab il-Manager kienet li peress li ma kienx ilu Manager, ma kienx jaf il-Procedura.

2.7 Dwar li l-Management qal li Deguara kellu twissijiet ohra verbali u bil-miktub, dan ma hu veru xejn, ghax Deguara qatt ma kellu twissija bil-miktub. Anke l-istess impjegat irrisponda bil-miktub fejn cahad li kellu twissijiet bil-miktub.

2.8 Ghalkemm gabu r-raguni li ghaliha t-tabib tal-Kumpanija ma rax lil Deguara d-dar, xorta jibqa' l-fatt li kazi li t-tabib ma jsibx lil impjegat id-dar, kien hemm hafna, f'kull post tax-xoghol, u qatt ma kien hemm kaz li impjegat jigi mkecci mill-impieg fuq din ir-raguni.

2.9 Meta l-Union giet infurmata li l-Manager kecca lil Deguara u din ikkuntattjat lil Manager, dan qal li kienet decizjoni tal-Bord tad-Diretturi li huma d-Diretturi tal-Bank of Valletta li huma responsabbli mill-Marsa Flour Mills Ltd.

Meta l-Union ikkuntattjat lic-Chairman tal-Bord, dan qal li kellu jkeccieh ghax il-Manager qal li jekk Deguara jidhol lura, hu, il-Manager jitlaq mill-Flour Mill.

Meta l-Union regghet ikkuntattjat lil Manager, u qaltlu b' dak li qal ic-Chairman, dan cahad dak li qal ic-Chairman.

Meta l-Union ghamlet sforz iehor mac-Chairman biex tinstab soluzzjoni, ic-Chairman irrisponda li kellu jerga' jlaqqa lill-Bord, biex jirrikonsidraw id-decizzjoni.

Id-decizzjoni wara kienet, li Deguara kellu jibqa' barra.

Meta gew ikkuntattjati membri tal-Bord dawn qalu li dan il-kaz ma hadux decizzjoni fuqu.

2.10 Ta min isemmi wkoll li donnu li jew il-Manager jew il-Bord, jew ic-Chairman tal-Bord, riedu jehilsu minn Deguara biex jimpjegaw haddiem iehor ghal xi raguni li jafuha huma biss, li fil-fatt dan sar.

2.11 Insemmu wkoll li l-Union talbet lid-Direttur tax-Xoghol biex il-kaz jinstema f'laqgha ta' Konciljazzjoni taht il-Presidenza tar-Rappresentant tal-Ministeru tax-Xoghol.

2.12 Ic-Chairman tal-Bord Dr J Buttigieg ghogbu li jirrifjuta wkoll li jmur f'laqgha ta' Konciljazzjoni u qal li r-rimedju

.../4

legali ta' Deguara hu li jappella lit-Tribunal Industrijali. Dan imur kontra l-principju tal-Ftehim Kollettiv li hemm ezistenti. Il-Laqgha ta' Konciljazzjoni tintalab biex tinstab soluzzjoni li tista tkun ghal gid taz-zewg nahat u anke biex jinghata c-chance li jinstemghu argumenti jew ragunijiet taz-zewg partijiet, xi haga li l-Union ma nstemghetx la mill-Management u l-anqas quddiem il-Konciljatur.

2.13 Min dan jidher kemm hi haga minima ghall-Management jew il-Bord responsabbli mill-Marsa Flour Mill, li jkeccu haddiem mix-xoghol, anke meta wiehed jara r-raguni li fuqha tkecca Deguara.

2.14 Ghalhekk nitolbu lit-Tribunal li jiddikjara li Deguara ma giex imkecci mill-impieg ghal kawza gusta u sufficjenti. Anke li kieku l-kaz kien kif iddikjara l-Management, zgur li ma kellux ikun imkecci imma kellu jkun kastig iehor, bhal twissija bil-miktub. Ghalhekk, nitolbu lit-Tribunal jiddikjara li Deguara kellu jibqa' fl-impieg minghajr telf ta' paga u dak kollu li hu dovut lilu.

3. Is-Sur A Attard ghall-Kumpanija **issottometta illi :**

**3.1** Pasqualino Deguara gie mpjegat mal-Kumpanija bhala juvenile labourer fil-5 ta' Marzu, 1982 fl-eta ta' sittax il-sena. Sal-5 ta' Mejju, 1983 meta ghalaq it-tmintax il-sena, Deguara tawh jaghmel light duties, principalment konnessi max-xoghol tal-Miller. Eventwalment, dan il-fitter (is-Sur A Calleja) garr illi Deguara ma kienx jaqdi dmiru sewwa u talab biex jibdluh. Fuq dan il-garr Deguara gie mwissi verbalment fejn qalulu li jekk ma **jimpruviax** fix-xoghol jittiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu. Deguara assigura lill-Management li jirranga.

3.2 Fil-Flour Mill hadd ma jista jpejjep u l-Management **hargu** cirkulari fuq dan. B'dana kollu nqabad ipejjep waqt xogholu fit-18 ta' Marzu, 1983. Wara dan l-incident Deguara tawh twissija bil-miktub quddiem is-Shop Steward ta' l-Union u s-Sur Galea, Acting Miller.

3.3 Fl-24 ta' Gunju, 1984, Deguara rraporta li kien marid u lit-tabib tal-Kumpanija qalulu biex imur izuru. Izda dan meta mar jarah fil-12.10 p.m. fid-dar tieghu ma kienx hemm. It-tabib rega mar l-ghada imma hadd ma fetah il-bieb. Deguara rraporta lura ghax-xoghol it-Tlieta, 28 ta' Gunju, 1983.

3.4 Deguara rega rraporta li kien marid fit-12 ta' Lulju, 1983 u t-tabib rega qalulu biex imur jarah. Meta t-tabib mar jarah id-dar fit-13 ta' Lulju, 1983 fil-5.17 p.m., Deguara ma kienx id-dar. L-ghada Deguara rraporta ghax-xoghol b'certifikat tat-tabib tieghu. F'dawn iz-zewg kazi, Deguara gie mwissi fil-prezenza tax-Shop Steward u l-Acting Miller.

3.5 Fit-2 ta' Settembru, 1983 gara incident serju meta Deguara tefa' kocc tqiq f'wicc A Ciantar, impjegat iehor. Il-Manager baghat ghal Deguara fejn wissieh biex igib ruhu ahjar. Twissija bil-miktub inghatat lil Deguara fil-presenza ta' ufficjal iehor fejn qalulu li f'kaz ta' incidenti simili jittiehdu passi dixxiplinarji kontra tieghu.

3.6 Ftit granet biss wara dan l-incident Deguara rega rraporta li kien marid. It-tabib tal-Kumpanija rega mar izuru d-dar tieghu izda hadd ma fetahlu l-bieb. Meta Deguara rega lura ghax-xoghol il-Management gharrfuh bil-miktub li kien tkecca minn mal-Kumpanija.

3.7 Wara tant incidenti u twissijiet il-Management ma kellux triq ohra hlief li jkecci lil Deguara minn mal-Kumpanija, iktar u iktar meta t-twissijiet lill-Deguara ma gewx ikkontestati mix-Shop Steward ta' l-Union.

4. <u>XHIEDA</u>

4.1 Prodotti mill-appellant - is-Sur F Coleiro

Tarcisio Deguara

Helen Deguara

P Deguara

P Schembri

A E Attard

Dr J Buttigieg

4.2 Prodotti mill-Kumpanija Marsa Flour Mills Limited:-

Joseph Galea

John Ciantar

Alfred Calleja

Umberto Vella

Joseph Vella

Dr J Schembri, Medical Representative.

5. DOKUMENTI PREZENTATI

a) Il-ktieb principali tal-Kumpanija li jinkludi l-minuti tal-Bord,

b) Il-Collective Agreement bejn il-Mill Owners' Association u l-General Workers' Union.

6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

6.1 Is-Sur Francis Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-G.W.U. ghara s-sottomissjonijiet finali f' isem Pasqualino Deguara li kien impjegat mal-Marsa Flour Mills Ltd.

6.2 Is-Sur Coleiro issottometta illi:-

Il-Kumpanija tterminat l-impieg ta' Deguara b'ittra datata 12 ta' Settembru, 1983, fuq akkuza li t-tabib tal-kumpanija mar jinvista lil Deguara fis-7.30 p.m. u skond it-tabib qal li ma sab lil hadd id-dar fejn mar it-tabib.

6.3 It-Tribunal ghandu quddiemu r-raguni tat-tkeccija jigifieri li t-tabib ma sabux id-dar u l-ewwel ma jrid jigi stabbilit hu jekk dak li qal il-Management hux gustifikat jew le.

6.4Kif dan jigi stabbilit li jekk ma sabux id-dar, wiehed irid jara l-gravita tal-kaz u jara jekk il-kastig kellux ikun tkeccija. Dejjem jekk il-kaz kien kif irrapporta l-Management.

.../7

6.4(1) War li jigi stabbilit il-kaz propju tat-tkeccija wiehed irid jara l-akkuzi l-ohra kemm hemm provi fuqhom. Partikulari huma t-twissijiet li l-Management qal li ta bil-miktub lil Deguara.

6.5 Dwar il-kaz tat-tkeccija, jigifieri li t-tabib ma sab lil hadd fid-dar ta' Deguara, kif gie ppruvat mix-xhieda, mhux veru li Deguara ma kienx id-dar, izda li t-tabib ma qaghadx jistenna kemm kellu jistenna u fil-fatt meta nizel Deguara biex jiftah ma sab lil hadd wara l-bieb. Ma jfissirx li meta t-tabib kull ma dam jistenna kienu zewg minuti, kif xehed hu stess, li Deguara ma kienx id-dar.

6.6 Li bniedem idum ma jiftah, jista' jkun hemm ragunijiet diversi, jista' jkun rieqed, u jew kif gara minn Deguara kien qed jinhasel biex imur ghand it-tabib tieghu meta saru s-7.30 ta' filghaxija u t-tabib tal-kumpanija kien ghadu ma marx. Skond ic-cirkulari tal-Management datata fl-20 ta' Lulju, 1982, li tghid "L-impjegati li jonqsu mix-xoghol minhabba mard jew xi accident iehor ghandhom jipproducu certifikat tat-tabib rigward dawn l-assenzi".

6.7 Deguara mar ghand it-tabib tieghu biex jobdi c-cirkulari tal-Management. Li kien mar ghand it-tabib tieghu, Deguara jgib il-prova billi kellu c-certifikati. Mhux argument li l-Management jghid li c-certifikati tat-tabib ta' Deguara ma jiswewx. It-tabib ta' Deguara hu awtorevoli daqs dak tal-kumpanija.

6.8 Minn naha tal-Management aktar ipprova jaghmel enfasi fuq affarijiet ohra milli fuq il-kaz propju li fuqu ddecieda li jkeccieh.

6.9 Fl-opinjoni taghna il-Management naqas serjament li ma mexiex mal-procedura normali, u johrog 'charge' u jaghti c-cans u d-dritt lil Deguara jirrispondi ghall-akkuza li l-Management ghamillu.

.../8

6.9(1) Minflok, il-Management jew ic-Chairman deherlu li meta Deguara dahal ghax-xoghol wara s-sick leave, johroglu t-terminazzjoni tal-impieg mill-ewwel.

6.10 Skond ix-xhieda li harget waqt it-trattazzjoni, li quddiem it-Tribunal Industrijali hi mportanti hafna, Deguara dahal ghax-xoghol normali u li sa 1-12.00 p.m., il-hin li Deguara jahdem, hadd mill-Management ma gibed l-attenzjoni ta' Deguara li kien naqas minn xi haga. Hallewh jahdem u f'daqqa wahda baghtuh il-barra fl-12.00 p.m.

6.10(1) Minn dan jidher kemm ma kienx serju l-kaz jew li ma kienx hemm raguni li Deguara jitkecca, meta ma gibdulu ebda attenzjoni kif dahal ghax-xoghol wara li kien bis-sick leave.

6.11 Li ma tawx cans lil Deguara li jirrispondi ghall-akkuza tal-kumpanija, imur kontra l-principju tal-Ftehim Kollettiv Klawsola 27 - Grievance Procedure sub paragraph (c) u kontra d-dritt tan-natura tal-bniedem, li ma tistax tippenalizza u takkuza lil xi hadd qabel ittieh ic-cans li jiddefendi ruhu.

6.12 Tant ma tawx dan ic-cans lil Deguara li jirribatti l-akkuza li sahansitra anke l-istess Chairman, Dr J Buttigieg irrifjuta li l-kaz jigi diskuss fl-laqgha ta' Konciljazzjoni, imsejha mid-Direttur tax-Xoghol (Dok E). Kellu jkun sforz minn xi tielet persuna biex din il-laqgha ta' konciljazzjoni saret.

6.12(1) Dan ukoll huwa ksur tal-Ftehim Kollettiv, Klawsola 28 - Cessation of Work - l-ahhar paragrafu li jghid "To give the other party twenty-four (24) hours verbal notice and later confirmed in writing of the date when it is intended to take action, only after official conciliation proceedings have failed to produce an agreement."

6.12(2) Li kieku wiehed jitlef jew iwebbes rasu, il-Management seta gie ffaccjat b'azzjoni industrijali, ghax bhal ma l-Management ma mexiex skond il-Ftehim Kollettiv hekk setghet ghamlet il-Union.

.../9

6.12(3) B'dan l-izball il-kumpanija qatt ma kellha tibqa' ssostni fuq it-tkeccija ta' Deguara.

6.13 F'dan il-kaz, Deguara kien giesu bhal Kristu waqt il-Passjoni, li kienu qed jghadduh minn ghand Qajfas ghal ghand Pilatu biex hadd minnhom ma jidher li ried jehles minnu.

6.13(1) L-istess gara minn Deguara li wiehed iwahhal fl-iehor biex hadd ma jidher li hadha hu d-decizjoni tat-tkeccija. F'dan il-kaz kien hemm it-telfien ta' xoghol, imma donnu ghall-kumpanija t-telfien ta' xoghol, hija haga hafifa.

6.14 Jekk wiehed jaghrbel sewwa x-xhieda tac-Chairman tal-Bord, daqqa jghid li l-Manager insista mat-tkeccija ta' Deguara, daqqa jghid li l-Bord iddecieda u daqqa jghid li d-decizjoni hadha hu flimkien mas-Sur Attard u wara giet endorsjata mill-Bord.

6.14(1) Mix-xhieda tas-Segretarju tat-Taqsima, ukoll hareg li filwaqt li c-Chairman kien qal li jekk Deguara jerga' jidhol lura fl-impieg, il-Manager kien lest li jitlaq hu, mentri s-Sur Attard kien cahad li qal hekk u li ma rribattix id-diskors tac-Chairman ghax skond is-Sur Attard stess kien qal li ma tkunx sewwa li li jgiddeb lic-Chairman tieghu.

6.14(2) Dan ukoll hadd ma kkontestah waqt it-trattazzjoni tax-xhieda.

6.15 Ta min isemmi wkoll, li filwaqt li c-Chairman tal-Bord kien qal li dawn id-decizjonijiet jigu endorsjati, l-istess Chairman fix-xhieda tieghu qal li meta l-Konciljatur mid-Dipartiment tax-Xoghol ressaq is-suggeriment, Dr J Buttigieg, ammetta li ma ressqux lill-Bord.

6.15(1) Mela fejn fuq l-ewwel decizjoni tal-Bord, Dr Buttigieg qal li kienet endorsjata, it-tieni decizjoni ma gietx. Wiehed irid jara f'dan il-kontest, l-awtorita tac-Chairman, l-awtorita' tal-Bord, kif ukoll l-awtorita tal-Manager sa fejn ghandhom jaslu f'decizjonijiet bhal dawn.

.../10

6.15(2) Mix-xhieda hareg li d-decizjoni finali ghanda tkun tal-Bord u f'dan il-kaz ma kienetx u ghalhekk ghanda taqa.

6.16 F'dan il-kaz li fih tkecca impjegat, hija procedura ngusta li meta t-tkeccija giet mic-Chairman, tibqa fuq id-decizjoni tieghu wahdu sempliciment ghax ghandu t-tieni vot u li bih ikun qed jirbah il-maggoranza tal-voti.

6.17 Rigward it-twissijiet bil-miktub li l-Manager qal li ta lil Deguara ma jirrizulta imkien; difatti l-Manager ma pproduca ebda prova ta' dan, ghax it-twissijiet li kien hemm ma kien hemm ebda wahda ffirmata mill-impjegat kif suppost li sar, u kif isir f'kull kaz simili. It-twissijiet li l-Manager qal li kien hemm, kienu fuq li darba ra lil Deguara ipejjep u li darba tefa' ftit dqiq fuq haddiem iehor.

6.18 Il-procedura titlob li jekk ikun hemm warning bil-miktub, il-haddiem irid jiffirma u fil-kaz li l-haddiem ma jkunx irid jiffirma t-twissija bil-miktub, il-Manager flimkien max-Shop Steward jiffirmaw u jiddikjaraw li l-impjegat fil-kwistjoni oggezzjona li jiffirma jew bhal ma gieli graw kazi anke fl-istess kumpanija, il-Manager isejjah lis-Segretarju tal-Union u jigi diskuss il-kaz u hemm tigi solvuta l-kwistjoni. Dan hareg bil-prova waqt ix-xhieda ta' Joseph Galea, li gieli kien hemm kazi fejn il-Manager gieghlu jiffirma twissijiet bil-miktub.

6.18(1) Fuq ebda kaz li kien involut Deguara ma gara hekk u dan ifisser li lil Deguara qatt ma qalulu biex jiffirma ebda twissija bil-miktub, u allura l-karti li tawh ma kienux bhala twissija bil-miktub.

6.19 Ghalkemm ma ghandniex nidhlu fil-kazi specifici, ghax it-tkeccija kienet fuq li t-tabib ma sabux id-dar, jekk wiehed jidhol fiz-zewg kazi l-ohra msemmija, wiehed jinnota kemm mhux kaz serju li wiehed jitfa ftit dqiq lil siehbu, b'risposta ghal li kien sar mill-istess impjegat li ntlaqat bid-dqiq li tefa' Deguara. Dan seta' gara anke diversi drabi ohra b'cajt minn ohrajn; kif l-istess xhud Ciantar qal li gieli graw bhal dan il-kaz

minn haddiehor. Allura dan ifisser li l-Management ghamilha bi kbira biex jehles minnu.

6.19 Jekk il-Manager ma kienx kuntent b'dan ic-cajt imissu hareg cirkulari kontra dan ic-cajt, u mhux jistenna lil Deguara li jaghmel dan in-nuqqas, jekk jista' jissejjah nuqqas, biex illum insiru nafu li Deguara kien gie mwissi, u li ahna qed nikkontestaw, li din kienet twissija bil-miktub kif allega l-Manager.

6.20 Dwar il-kaz tat-tipjip, veru li Deguara inqabad ipejjep, imma wara li kellmu l-Manager ma regax ghamel dan l-izball ckejken u ghalhekk il-haddiem taghllem. Fuq kollox ma ninsewx l-eta' tenera ta' l-impjegat f'dak iz-zmien, u li fuq it-tipjip l-istess Foreman qal li kien isir minn ohrajn.

6.21 Dwar il-kazi li t-tabib ma sabx lil Deguara d-dar, il-Management ikkwota kaz partikulari, dak ta' l-24 ta' Gunju, 1983. Ma nafux ghalfejn il-Manager rega' semma dan il-kaz, meta dan kien kaz maghluq minghajr htija fuq Deguara. Kif irrizulta mix-xhieda kemm ta' Pasqualino Deguara u ta' Helen Deguara, meta mar it-tabib id-dar ta' Deguara fin-12.10 p.m. Omm Deguara kienet qalet lit-tabib li t-tifel mar l-isptar. L-istess Manager kien jaf li kellu jmur l-isptar jew ghand it-tabib peress li Deguara dak inhar kien mar ghax-xoghol u kien migugh, tant li kien bil-permess tal-Manager li Deguara hareg minn fuq ix-xoghol biex imur ghand it-tabib.

6.21(1) Tant kienet accettata r-raguni li ghaliha t-tabib ma sabux id-dar, li l-Manager ma ha ebda passi kontra Deguara u llum jigi l-Manager u jsemmi kaz li kien maghluq favur l-impjegat.

6.22 Rigward il-kaz li l-Manager semma dwar li l-Mill's Fitter sab li Deguara ma kienx tajjeb fix-xoghol, wiehed irid jinnota li Deguara kien taht l-eta' ta' tmintax il-sena u li Deguara la kien tas-sengha u lanqas taghllimha u b'hekk kien impjegat bhala junior labourer. Ghalhekk ma jistax Labourer li

.../12

jigi mqabbad jaghmel xoghol fis-sengha, jigi kkundannat li mhux tajjeb jew li ma jaghmilx xogholu sodisfacenti.

6.23 Fl-Statement of Case tal-Kumpanija, il-Management qal li kien wissieh verbalment, li jekk ma jtejjibx il-performance tieghu jittiehdu passi dixxiplinarji.

6.24 Jekk veru wissieh, il-Management qatt ma kellu dritt li jaghmel hekk, meta Deguara dahal bhala junior labourer u gie mgieghel jaghmel xoghol f'kategorija ohra ta' xoghol.

6.25 Minn dan kollu nixtiequ nissottomettu li meta Deguara tkecca fuq il-kaz tas-7 ta' Settembru, li kif allega l-Management li t-tabib tal-kumpanija ma sabux id-dar, ma harget ebda prova li Deguara ma kienx id-dar, hlief li t-tabib habbat jew cempel u ma rrisponda hadd. Din m'hiex prova bizzejjed ghax mix-xhieda rrizulta li Deguara kien id-dar imma peress li kien jinhasel biex imur ghand it-tabib, dam ftit ma nizel jiftah il-bieb u meta nizel ma sab lil hadd.

6.25(1) Prova li Deguara dak inhar mar ghand it-tabib hemm ic-certifikat tat-tabib privat ta' Deguara li l-Management langas indenja ruhu li jitlobhomlu.

6.26 Ghalhekk bir-rispett nergghu nitolbu lit-Tribunal jiddeciedi favur it-talba ta' Deguara, li gie mkecci ingustament u ghandu jigi dikjarat li baqa' fl-impieg minghajr telf ta' paga u dak kollu li hu dovut lilu.

7. Is-Sur Noel Scerri qara s-sottomissjonijiet finali ghan-nom tal-Kumpanija Marsa Flour Mills Ltd.

7.1 Is-Sur Scerri ssottometta illi l-kaz kollu li l-appellant Pasqualino Deguara gieb quddiem it-Tribunal gie mibni fuq allegazzjonijiet ingusti attribuiti lill-Manager, il-Bord tad-Diretturi jew ic-Chairman ta' l-istess Bord. Dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati, anzi l-Kumpanija wriet li hi tat aktar minn cans wiehed lil Deguara biex igib ruhu sewwa.

7.2 Punti oħra li fuqhom l-appellant ibbaża l-kaz tiegħu huma illi:-

a) ma ngħata ebda warning bil-miktub;

b) illi c-Chairman irrifjuta li jmur laqgħa ta' konciljazzjoni.

7.3 Is-Sur Coleiro ammetta darbtejn li kien hemm twissijiet lil Deguara.

7.4 Fuq il-kaz tal-kwistjoni tal-laqgħa ta' konciljazzjoni, rrizulta li din saret u saret kwazi a beneficcju tal-kumpanija peress illi minnha harget ammissjoni ta' htija ta' Deguara.

7.5 Ghaldaqstant, imhabba s-sottomissjonijiet imsemmija u in vista tax-xhieda moghtija, l-Kumpanija titlob lit-Tribunal li jsib gusta d-decizzjoni ta' tkeccija mill-impieg ta' l-appellant mill-Marsa Flour Mills Limited.

8. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

8.1 It-Tribunal semgha u studja bir-reqqa kollha l-istatements of case, dak kollu li qalu x-xhieda bil-gurament u l-final submissions.

8.2 Fuq l-allegazzjonijiet li ghamlet id-difisa kontra c-Chairman tal-Marsa Flour Mills Ltd it-Tribunal ma ta l-ebda konsiderazzjoni lil dawn l-akkuzi li dehru fic-car li kienu nfundati u jordna t-thassir ta' l-istess allegazzjonijiet mill-atti ta' din il-kwistjoni.

8.3 It-Tribunal ma setghax jilqa' t-talba tal-appellant li dan kaz jigi bazat fuq l-ahhar incident biss ta' Deguara (meta ma marx ghax-xoghol ghax kien marid u t-tabib ma sabux id-dar). Il-kumpanija hadet id-decizjoni li tkeccih wara li wissiet lil Deguara diversi drabi kemm verbalment u kemm bil-miktub, tant li ma setghatx tissapportieh izjed.

8.4 Min-naha l-ohra l-Bord tal-Kumpanija [redacted] li ghandu biss zewg diretturi u li c-Chairman ghandu l-casting vote meta l-Bord ikollu 50% favur ifisser li d-decizzjonijiet kollha qeghdin f'idejn ic-Chairman u mill-Bord jghaddi dak kollu li jrid ic-Chairman.

8.5 Il-Kumpanija kienet wisq mghaggla biex tkecci lil Deguara wara l-ahhar incident. Bhala tbezbieza l-kumpanija setghet tiehu passi ohra: per esempju, tinqatalu gimgha paga.

8.6 Fuq kollox meta graw l-incidenti Deguara kien ghadu ta' eta' tenera (taht jew mat-18 il-sena) u kien ghad ghandu ftit ghaqal.

9. <u>AWARD</u>

9.1 It-Tribunal wara li fela sewwa l-istatements of case u l-final submissions u wara li sema x'xhieda huwa tal-fehma li ghad-dixxiplina ta' l-impjegati ohra tal-Kumpanija Deguara ma ghandux jerga jittiehed lura mal Marsa Flour Mills Co Ltd.

9.2 Meta wiehed iqis, izda, l-ahhar incident li wassal ghat-tkeccija ta' Deguara, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Management ghaggel izzejjed. Il-fatt li meta mar it-tabib ghand Deguara ma fetahlu hadd ma jfissirx bilfors li l-impjegat kien qieghed jiskarta x-xoghol.

9.3 It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li l-kumpanija ghandha thallas is-somma ta' LM300 fi zmien xahar mid-data ta' dan l-Award bhala kumpens lil Pasqualino Deguara u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A H CAMILLERI
Chairman

Edw D'Agostino
A/Segretarju

Data: 8 ta' Novembru, 1984.

ja